**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2024

Avviż Numru: **255/2022NHV**

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550)** kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Edward Schembri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Schembri Infrastructures Limited u l-istess Edward Schembri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà **Schembri Infrastructures Limited**

**vs.**

**Kunsill Lokali Ħal-Tarxien**
u
s-soċjetà **Catbros Limited**
kjamata fil-kawża ai termini ta' digriet ta' din il-Qorti datat 20 ta' Frar 2023

Il-Qorti:

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022[1], li permezz tiegħu, ir-rikorrenti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, talbu ddikjarazzjoni li l-intimat

[1] Fol. 1 tal-proċess;

huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti għad-danni subiti fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI255 assigurata mas-soċjetà rikorrenti Citadel Insurance p.l.c., u dan minħabba, *inter* alia, traskuraġni, negliġenza, imperizja u/jew non-osservanza ta' regolamenti fil-kors tax-xogħolijiet inwettqa' għar-rikokostruzzjoni ta' ġnien pubbliku fi Triq Kurunell Mas, Ħal Tarxien, u l-kundanna lill-intimat iħallas is-somma komplessiva ta' għaxart'elef ewro (€10,000) jew somma oħra verjuri li tistabilixxi din il-Qorti;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali 2310/2019 intavolata fis-6 ta' Novembru 2019 u 2672/2021 intavolat fl-14 ta' Ottubru 2021, u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, inġunt in subizzjoni.

Rat li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2022, din il-Qorti kif diversament presjeduta, appuntat is-smigħ għas-seduta tal-20 ta' Frar 2023.

Rat li mill-atti jirriżulta li l-kunsill intimat ġie debitament notifikat bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ.

Rat ir-**Risposta** tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien, ippreżentata nhar is-06 ta' Jannar 2023[2], li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet billi eċċepiet li:

1. Illi fl-ewwel lok, il-kunsill esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhux il-leġittimu kontradittur stante li ix-xogħlijiet kienu qegħdin jiġu mwettqa mill-kuntrattur imqabbad mill-esponenti, u cioe mis-soċjetà kummerċjali Catbros Limited (C20810);
2. Illi għalhekk, fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-ewwel (1) risposta, għall-integrità tal-ġudizzju ikun utili illi tiġi kkjamata fil-kawża, l-imsemmija soċjetà kummerċjali Catbros Limited (C20810) ta' Alley 1, Maria Dolores, Triq il-Karmnu, Luqa;
3. Illi, fit-tielet lok, u bla preġudizzju għar-risposti preċedenti, il-Kunsill esponenti ma kkaġuna l-ebda danni lill-assigurat tas-soċjetà attriċi, u dan stante li l-inċident seħħ unikamet tort tal-istess assigurat, jew mis-sewwieq ta' l-imsemmija vettura u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

Illi għalhekk it-talbiet rikorrenti huma infondati kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

---

[2] Fol. 7 tal-proċess;

Rat illi b'digriet mogħti nhar l-20 ta' Frar 2023, din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Catbros Limited (C20810);

Rat id-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Frar 2023[3], li permezz tiegħu, wara li eżaminat *prima facie* ċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet, u rat l-Artikolu 171A(a) tal-Kapitolu12 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset li m' hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat ir-**Risposta** tal-kjamata fil-kawża Catbros Limited (C20810), ippreżentata nhar it-18 ta' Ottubru 2023[4], li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet billi eċċepiet li:

1. Illi fl-ewwel udjenza tal-kawża odjerna, l-intimat Kunsill Lokali Ħal Tarxien talab il-kjamat in kawża tas-soċjetà esponenti, bħala s-soċjetà li allegatament kienet qed tagħmel xi xogħolijiet fit-triq in kwistjoni fil-perjodu meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża;
2. Illi in linea preliminari, jiġi eċċepit illi kwalunkwe azzjoni kontra l-esponenti fir-rigward tal-inċident in kwistjoni hija preskritta a bażi tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u dan stante illi fir-rigward ta' dan l-inċident mis-sena elfejn u dsatax (2019) 'il hawn hi qatt ma ġiet debitament notifikat b'atti ġudizzjarji li setgħu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni fil-konfront tagħha mill-ebda waħda mill-partijiet, u wisq inqas mill-atturi, u l-anqas ma jirriżulta xi interruzzjoni ta' kwalsiasi xorta ta' terminu preskrittiv;
3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi, kif ukoll l-allegazzjoni tal-Kunsill Lokali intimat illi l-inċident u d-danni subiti mill-atturi ġew ikkawżati minn xi nuqqasijiet min-naħa tas-soċjetà esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jispetta illi jġibu prova tal-fatti u danni allegati minnhom.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi b'digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 2023, din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat illi l-ewwel tiġi deċiża t-tieni eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà kjamata fil-kawża u ordnat ukoll l-inverżjoni tal-provi dwar din l-istess eċċezzjoni;

[3] fol. 11 tal-proċess;
[4] Fol. 17 tal-proċess;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà kjamata fil-kawża fosthom:

ix-xiehda ta' **Leanne Cassar** deputat segretarju eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien[5] li ma kinitx taf dwar il-każ in vista li kemm hija kif ukoll is-Sindku kienu nbibblu mid-data tal-inċident. Hija esebiet kopja ta' żewġ ittri[6] li sabet fil-fajls tal-Kunsill rigwardanti dan l-inċident;

ix-xiehda tal-**Avukat Jonathan Gatt**[7] impjegat mas-soċjetà rikorrenti li spjega illi l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI255 kienet assigurata magħhom meta seħħ l-inċident stradali fit-3 ta' Mejju 2019. Huma bagħtu diversi ittri kemm legali kif ukoll uffiċċjali lill-kunsill konvenut sabiex jinterpellawhom għall-ħlas tad-danni; Huma qatt ma kkorrispondew ma' Catbros Limited; Is-soċjetà rikorrenti saret taf b'Catbros Limited wara li nfetħet din il-kawża. Fuq il-post tal-inċident ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi kuntrattur b'dan l-isem; Dan jafu mir-ritratti li ttieħdu dakinhar fuq il-post u wkoll mill-informazzjoni li għaddielu l-assigurat. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien fil-korrispondenza miegħu qatt ma nfurmah bl-isem ta' dan il-kuntrattur;

ix-xiehda ta' **Edward Anthony Schembri**[8], fejn stqarr l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI255 isuqha hu iżda jaħseb li hija reġistrata fuq missieru. Huma tħallsu mill-assikurazzjoni għall-ħsarat li ġarrbet il-vettura fl-inċident.

id-dokument estratt mis-sistema tad-Digicourts fejn hemm elenkati l-atti ġudizzjarji kollha ppreżentati fil-konfront ta' Catbros Limited mill-2019[9];

Rat li s-soċjetà kjamata fil-kawża iddikjarat li għalqet il-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fis-seduta miżmuma nhar il-15 ta' Marzu 2024[10].

[5] Minnha mogħtija nhar id-29 ta' Jannar 2024, fol. 24;
[6] Dokumenti LC 1 u LC 2, fol. 29 u 31 tal-proċess;
[7] Minnu mogħtija nhar id-29 ta' Jannar 2024, fol. 33;
[8] Minnu mogħtija nhar id-29 ta' Jannar 2024, fol. 38;
[9] Dokument CL1, fol. 45;
[10] Fol. 44 tal-proċess;

Rat illi permezz ta’ verbal fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Ġunju 2024 kemm il-Kunsill Lokali konvenut kif ukoll ir-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx provi x’jipproduċu dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta miżmuma nhar l-10 ta’ Lulju 2024.[11]

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-kawża titratta talba għal ħlas ta’ danni sofferti mir-rikorrenti kawża ta’ inċident stradali li seħħ fit-3 ta’ Mejju 2019.

Is-soċjetà kjamata fil-kawża teċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni bit-trapass ta’ sentejn u dana ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jistipula:

*“L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn.”*

Illi f’din il-kawża ħadd mill-partijiet ma jallega li għandu jkun xi terminu preskrittiv ieħor illi japplika għall-fattispeċje ta’ dan il-każ. Il-Qorti, li hija konvinta li f’azzjoni ta’ *culpa aquiliana* bħalma hija din, japplika l-Artikolu 2153, ma tħossx il-ħtieġa li tiddelibera ulterjorament dwar dan il-punt.

L-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa sewwasew jekk fi żmien sentejn mid-data tal-inċident, ġietx interrotta b’xi mod il-preskrizzjoni.

In atti, din il-Qorti ma għandha ebda prova ta’ att ġudizzjarju mibgħut mir-rikorrenti lil Catbros Limited u lilha nnotifikat entro s-sentejn mid-data tal-inċident. Pjuttost il-provi jindikaw il-kontra u cioe li mill-2019 ‘il quddiem ma ġie intavolat ebda att ġudizzjarju mir-rikorrenti fil-konfront ta’ Catbros Limited. M’hemmx lanqas prova ta’ xi aċċettazzjoni ta’ tort da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Is-soċjetà kjamata fil-

[11] Fol. 49 tal-proċess;

kawża Catbros Limited ġiet notifikata bl-atti ta' din il-kawża fit-12 ta' Ottubru 2023, kwindi iktar minn erba' snin mid-data tal-akkadut.

Illi għaldaqstant hija ġustifikata t-tieni eċċezzjoni sollevata minn Catbros Limited li kwalsijasi azzjoni għad-danni riżultanti mill-inċident tat-3 ta' Mejju 2019 hija fil-konfront tagħha preskritta, bit-trapass ta' sentejn.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi preliminarjament billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà kjamata fil-kawża Catbros Limited u tiddikjara li l-azzjoni fil-konfront tagħha hija preskritta bit-trapass ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi qiegħda tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tal-Kunsill Lokali Ħal-Tarxien.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur